**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta tal-Erbgha 17 ta' Gunju 2020**

**Rikors Numru : 89/2019 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**YC**

**vs**

**FCC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' YC, datat 26 ta' Marzu 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti żżewġu fid-25 ta' Ġunju 2015 kif jirrizulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ li qed jiġi eżebit bħala Dok A.*

2. *Illi l-kunsens tal-kontendenti minn min minnhom kien inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ kif kontemplat fl-artikolu19(1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, u dan bi ksur tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Illi in effetti l-intimata ma rieditx tfal u fil-fatt miż-żwieġ ta' twieldux tfal.*

5. *Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment.*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tiddikjara null u bla effet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi iz-zwieg ċelebrat bejn il-kontendenti nhar il-25 ta' Ġunju 2016, u dan taht dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez u l-intimata ingunta in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata hija kontumaci (vide fol 8, verbal datat 3 ta' Gunju, 2019);

Rat illi dehret l-intimata mhux assistita u gie spjegat lilha d-drittijiet legali taghha u dritt ghal avukat, izda hi ddikjarat li ma rieditx assistenza legali (vide fol 16, verbal 11 ta' Ottubru 2019);

Rat illi l-partijiet infurmaw il-Qorti li ma kellhomx trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u li l-Qorti tista tghaddi ghas-sentenza (vide fol 28, verbal 14 ta' Frar 2020);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**FCC** xehdet a fol 18 *et seqq* illi l-partijiet kien f'relazzjoni ghal disa' snin qabel ma kienu zzewgu fil-25 ta' Gunju 2016. Spjegat illi tliet snin wara li kienet bdiet ir-relazzjoni taghhom, kien bdew joqghodu flimkien u kellhom relazzjoni tajba u minghajr problemi. Spjegat illi fiz-zwieg il-problema taghhom kienet it-tfal, peress illi ghaliha ma kienetx prijorita li jkollhom it-tfal u kienet dejjem tippostponi peress illi kienet tibza illi jekk ikollhom it-tfal ma kienx ser jibqa' jkollha l-hajja personali taghha u kienet ser tbati l-karriera taghha. Qalet illi qabel iz-

zwieg, il-partijiet qatt ma kienu ddiskutew il-kwistjoni tat-tfal, u wkoll illi waqt iz-zwieg hija qatt ma kienet qalet lir-rikorrent li kienet iddecidiet li zgur ma rieditx tfal peress illi hi ma kienetx certa, izda eventwalment ir-rikorrent kien hass li hija ma rieditx tfal u ghalhekk kien telaq mid-dar matrimonjali fl-ahhar t'Awissu 2018. Spjegat li meta r-rikorrent kien telaq mid-dar matrimonjali, hija kienet marret tkellmu u kienet qaltlu illi hija kienet lesta li jkollhom it-tfal imma r-risposta tar-rikorrent kienet li issa kien tard wisq il-ghaliex diga kellu lil xi hadd iehor. Xehdet illi hija m'ghandha l-ebda oggezzjoni ghal dan l-annullament ghaliex ir-rikorrent illum -il gurnata ghandu tarbija ma' persuna ohra u hi tixtieq li jkun ferhan u li jkun jista' jerga jizzewweg.

**YC** xehed a fol 24 *et seqq* illi l-partijiet kienu ltaqghu fil-5 ta' Marzu 2009 u kienu bdew jghixu flimkien ghal habta tal-2011 jew l-2012 wara li l-intimata kienet xtrat proprjeta, u kien zzewgu fil-25 ta' Gunju 2016. Spjega illi hu hass illi kienu lesti li jkollhom it-tfal peress illi kellhom il-post lest, izda l-intimata kienet dejjem tipposponi. Xehed illi hu kien hadha bi kbira li kellhom cans biex isiefru u jaghmlu hafna affarijiet izda "*ghal haga zghira, ghat-tfal mhux qed insibu hin?*" u ghaliex ghalih l-unika raguni valida biex koppja ma jkollhom tfal hija jekk "*jiccertifikak xi hadd li ma jistghax ikollok tfal.*" Qal illi ghalhekk huwa kien iddecieda illi l-intimata ma rieditx tfal u ghalhekk kien telaq mid-dar matrimonjali. Xehed illi **xi gimghatejn jew tlieta wara**, l-intimata kienet marret tkellmu u talbitu biex jipprovaw ghat-tfal izda hu ma riedx ghax hass li dak li riedet l-intimata kien lilu u mhux lit-tfal. Qal li llum -il gurnata huwa qieghed f'relazzjoni ohra u qed jistennew tarbija.

**CC** xehed illi huwa jigi missier l-intimata u kien sar jaf li kien hemm il-problemi bejn il-partijiet ghaliex bintu kienet marret tghidlu li kienet qed tahseb li kien ser jispicca kollox bejniethom u ghalhekk kien talab lir-rikorrent biex imur id-dar ghandhom halli jipprova jirranga l-affarijiet bejniethom. Qal illi pero r-rikorrent beda jigdeb fuq l-intimata tant li kien sahansitra wasal li ggieled ma' bintu stess biex jemmen lir-rikorrent. Xehed illi huwa ma jafx ezatt x'kienet il-problema bejniethom. Mistoqsi jekk il-problema setghatx tirrigwarda t-tfal, xehed illi ma kienx cert peress illi dik hija haga ta' bejniethom izda r-rikorrent kien jaf li l-intimata forsi ma ridietx tfal, jew li almenu riedet tistenna.

**TG** xehdet illi hija tigi oht ir-rikorrent u spjegat illi f'Awissu tas-sena 2018 kienet iltaqghat ma' huha u kien qalilha li kien problema bejn il-partijiet u qalilha illi l-intimata ma ridietx tfal. Qalet illi l-partijiet kienu pruvaw jirrangaw is-sitwazzjoni izda ma kienux lahqu ftehim.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' nullita taz-zwieg tal-partijiet ikkontrattat fil-25 ta' Gunju 2016. Jirrizulta illi qabel iz-zwieg taghhom il-partijiet kienu ilhom f'relazzjoni flimkien ghal disa' snin, u li kienu ghexu flimkien ghal hames minn dawn id-disa' snin. Meta bdew ir-relazzjoni taghhom ir-rikorrent kellu cirka sittax -il sena filwaqt illi l-intimata kellha cirka tmienja u ghoxrin sena, u meta zzewgu r-rikorrent kellu cirka hamsa u ghoxrin sena filwaqt li l-intimata kellha cirka sebgha u tletin sena. Jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni normali u kienu ta' sikwit isiefru flimkien anke wara li zzewgu. Mix-xhieda jirrizulta wkoll illi r-rikorrent kien herqan ferm sabiex il-partijiet ikollhom it-tfal, u filfatt xehed illi ghalih hija xi haga zghir li jkollok it-tfal u li l-unika raguni valida li jista' jkun hemm biex koppja ma jkollhiex tfal hija jekk dan ikun fizikament impossibli ghall-koppja. Minn naha taghha l-intimata kellha dubbji jekk verament ridietx ikollha tfal peress illi kienet imhassba fuq il-konsegwenza li dan setgha jkollu fuq il-hajja personali u lavorattiva taghha, u fix-xhieda taghha spjegat kif ghaliha ma kienetx prijorita li jkollha t-tfal.

Il-Qorti taghraf illi l-fatt li ma sarux eccezzjonijiet fuq il-meritu peress illi ll-intimata m'oggezzjonatx ghat-talbiet tar-rikorrent ma jfissirx illi din il-Qorti m'ghandhiex tezamina l-meritu tat-talbiet tar-attur sabiex tistabilixxi jekk jissussistux jew le il-kawzali t'annullament moghtija mir-attur, u dan peress illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> **"*Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…*"**

> ***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…"***

Bl-istess mod, intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991:

> **"*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp liktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*"**

Dan ghaliex, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> **"*Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."***

Inoltre, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza 27 ta' Jannar 2006

> "***Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.***"

Ir-rikorrent ibbaza t-talba tieghu ghad-dikjarazzjoni ta' nullita taz-zwieg fuq l-artikolu 19 1 (d) u 19 (1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg, minhabba l-fatt illi skont hu, l-intimata ma ridietx ikollha tfal.

Il-Qorti tibda billi tinnota illi iz-zewg kawzali l-ohrajn ta' nullita mressqin mill-attur huma dawk komtemplati fis-sub-inciz (d) u (f), illi skont il-gurisprudenza huwa talbiet kontradittorji. Il-Qorti taghraf illi din il-kontradittorjeta, ghalkemm ma twassalx ghan-nullita tal-azzjoni, ta' bilfors twassal sabiex dawn il-kawzali kontradittorji idghajjfu lil xulxin.[1] Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernadette Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006:

> "***L-inkomplattibbilita` bejn dawn iz-zewg kawzali tohrog fil-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju timplika inkapacita` li wiehed jaghraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawzali tas-simulazzjoni tenhtieg li jkun hemm tali kapacita` intellettwali, proprju l-att pozittiv tal-volonta` li jwassal ghas-simulazzjoni, totali jew parzjali.***"

L-artikolu 19 (1) (d) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> "***jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.***"

Rigward l-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz inghad fis-sentenza fl-ismijiet

[1] **Simon Cusens vs Romina Cusens,** Qorti Civili (Sezzjoni Familja) deciza 10 ta' Dicembru 2014.

**Zammit vs Zammit** citata aktar -il fuq:

> "***Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fizzwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.***
>
> ***Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-***
>
> ***"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)" (Bersini. F., Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994), p. 97.)"***

Fuq l-istess materja, inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri** deciza fil-21 ta' Novembru 1995 illi:

> "***Huwa ormai assodat fil-gurisprudenza nostrana illi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.***"

Il-Qorti taghraf inoltre illi skont il-gurisprudenza, a bazi tat-taghlim ta' Bersini, tezisti presunzjoni fil-ligi illi kull min jaghlaq it-tmintax -il sena huwa kapaci li jizzewwg u li ghalhekk jispetta lil min iqajjem il-kawzali prevista f'dan is-sub-inciz illi jressaq prova kontrarja sodisfacenti. Inoltre, il-livell ta' maturita jew immaturita tal-parti jrid jigi ipprovat fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali ghaliex huwa l-mument tal-ghoti tal-kusens li huwa rilevanti fil-kuntest ta' kawza annullament u mhux dak li gara wara waqt iz-zwieg tal-partijiet. Kif intqal fis-sentenza **Cusens vs Cusens** citata aktar -il fuq:

> **"*Il-ligi tipprezumi li kull min ghalaq is-sittax-il sena huwa kapaci li jizzewweg, u l-prova kuntrarja tispetta lil min jallega l-kuntrarju. F'dan il-kaz ma irrizultax provat li l-attur jew il-konvenuta kienu immaturi b'mod li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat. Huwa rilevanti l-fatt li meta l-partijiet izzewwgu huma kellhom 27 sena u 25 sena rispettivament u kellhom relazzjonijiet precedenti qabel ma bdew ir-relazzjoni taghhom*."**

**Ikkonsidrat:**

Wara li ezaminat il-provi prodotti f'dawn il-proceduri, il-Qorti ma tqisx illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null a bazi tal-Artikolu 19 (1) (d). Il-Qorti rat illi meta zzewgu l-partijiet kellhom cirka 25 sena u 37 sena rispettivament, u ghalhekk il-kontendenti ma kienux zghar. Jirrizulta wkoll illi dan ma kienx xi zwieg mghaggel, ikkonsidrat illi l-partijiet kienu ilhom f'relazzjoni flimkien ghal disa' snin qabel ma zzewgu, u aktar u aktar kienu ghamlu cirka hames snin jghixu flimkien qabel ma zzewgu. Illi l-Qorti tqis illi huwa minnu illi mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta certu livell ta' nuqqas ta' maturita: in-nuqqas inexplikabbli illi l-partijiet jiddiskutu kwistjoniji daqshekk sensittiva u mportanti bhal ma hi dik tal-prokreazzjoni f'total ta' hdax -il sena ta' relazzjoni, u l-leggerezza illi biha r-rikorrent jitkellem dwar li ggib it-tfal fid-dinja u trabbihom, li skont hu hija 'haga zghira'. Illi pero fil-fehma tal-Qorti, din l-immaturita m'hijiex tali li twassal ghan-nullita taz-zwieg tal-kontendenti. Fil-fehma tal-Qorti, iz-zwieg tal-kontendenti m'huwiex wiehed null a bazi ta' nuqqas ta' diskrezzjoni, imma sempliciment zwieg li falla minhabba nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet u nuqqas ta' sensittivita ghall-bzonnijiet u l-bizghat ta' konjugu l-iehor, li hija bazi ghal separazzjoni personali, izda mhux ghall-annullament fuq nuqqas ta' diskrezzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

Illi l-atikolu 19 (1) (f) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> "***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***"

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Simon Cusens vs Romina Cusens** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

> "***Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori.***"

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED,** citata aktar il-fuq intqal:

> "***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***"

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002

fejn inghad illi:

> ***"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Therese Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Novembru 1999 gie ritenut illi:

> **"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*."**

**Ikkonsidrat:**

Illi il-Qorti tqis illi mill-provi ma jirrizultax illi l-intimata kienet eskludiet ghal kollox il-possibilita li l-partijiet ikollhom tfal minn dan iz-zwieg. Huwa minnu illi mix-xhieda tal-intimata jirrizulta li kien hemm certu riluttanza da parti taghha li l-partijiet ikollhom it-tfal, minhabba li kienet imhassba dwar l-impatt li dan seta' jkollu fuq hajjitha. Illi pero, fl-ebda hin fix-xhieda taghha ma qalet illi hi kienet **eskludiet assolutament** li jkollha t-tfal. Filfatt, anke bejn il-partijiet qatt ma ntqal dan il-kliem: Almenu minn dak li jirrizulta mix-xhieda tal-partijiet, ir-rikorrent kien iddecieda illi l-intimata kienet assolutament eskludiet illi jkollhom it-tfal peress illi kienet qed tittratjeni milli jipprovaw cirka sentejn wara li zzewgu, u ghalhekk qabad u telaq mid-dar matrimonjali. Ma jirrizultax illi kien hemm xi diskussjoni bejn il-partijiet fejn l-intimata qalet lir-rikorrent li hija ma jridx li jkollhom tfal. Anzi jirrizulta mix-xhieda illi meta r-rikorrent telaq mid-dar minhabba din il-kwistjoni, l-intimata kienet marret tkellmu u kienet qaltlu illi kienet lesta illi jibdew jippruvaw halli jkollhom it-tfal izda r-rikorrent kien irrifjutaha u qalilha li kien tard wisq. Filfatt, skont ix-xhieda mhux kontradetta tal-intimata, ir-rikorrent kien diga qieghed f'relazzjoni ohra **gimghatejn wara** li telaq mid-dar matrimonjali. Galadarba l-intimata kienet filfatt talbet lir-rikorrent sabiex jipprovaw ikollhom it-tfal, huwa car li ma jistghax jigi konkluz illi kien hemm eskluzjoni posittivi li l-partijiet

ikollhom it-tfal; il-fatt illi r-rikorrent hass li kien tard wisq biex jipprovaw ghat-tfal cirka sentejn wara li zzewgu m'huwiex raguni bizzejjed sabiex jigi annullat zwieg. Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax sal-grad rikjest mill-ligi eskluzjoni posittiva minn naha tal-intimata li jitwieldu ulied minn dan iz-zwieg.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent.**

**Fuq qbil bejn il-partijiet, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqu minghajr taxxa.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**